MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.

### MIRIAM HAYMAN

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2015

Numru. 243/2004

**Il-Pulizija**

**Spettur Silvio Valletta**

**Spettur Carlo Ellul**

**VS**

**Joseph Xuereb detentur tal-karta tal-identita' numru 105963M;**

**U Ibrahim El Degwy detentur tal-karta tal-identita' numru 17291A**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmija **Joseph Xuereb** u **Ibrahim El Degwy** li gew akkuzati talli:

1. Fil-lejl ta’ bejn is-16 ta’ Marzu, 2004 u s-17 ta’ Marzu, 2004 fi Triq Lunzjata, Hamrun, ikkommettew serq ta’ magna tas-sigaretti, sigaretti u flus, li huwa kwalifikat bil-hin, mezz, u valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000.00) u li sar ghad-detriment ta’ George Mifsud, Alphonse Farrugia, u l-kumpanija Central Cigarettes;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, fi Triq il-Qrejten, Hamrun, ikkommettew serq ta’ vettura, tal-marka Mazda 323 bin-numru ta’ registrazzjoni KAQ307, li huwa kwalifikat bil-hin, mezz, xorta tal-haga misruqa, u valur li jeccedi l-mitt Lira Maltin (Lm100.00), izda anqas minn elf Lira Maltin (Lm1,000.00) u li sar ghad-detriment ta’ Thomas Aquilina;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li hija ta’ aktar minn hamsin Lira Maltin (Lm50.00) izda anqas minn hames mitt Lira Maltin (Lm500.00), saret

ghad-detriment ta’ George Mifsud, Alphonse Cauchi, u l-kumpanija Central Cigarettes;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, f’Malta, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minan Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahlu biex ibieghhuhom jew imexxuhom;

5. U aktar talli Joseph Xuereb wahdu fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 , b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi huma definittivi u ma jistgux jigu mibdula;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, wara li kien gie kkundannat f’Malta ghal serq jew ricettazzjoni, instabu fil-pussess tieghu ghodod tajbin ghal ftuh jew sgassar ta’ serraturi, minghajr ma kien ta kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu nstabu ghandu (Sec 287 Kap 9).

Rat illi l-imputati wiegbu li ma kinux hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghhom;

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, taht liema hemm mahsuba li tista’ tinstab htija, u cioe’:

Fil-konfront ta' **<u>Joseph Xuereb</u>**:

1. Fl-Artikoli 261(b)(c)(f), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 270, 278(1)(2)(3), 279(b), 280(1)(2), 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-Artikoli 261(b)(c)(f)(g), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 270, 278(1)(2)(3), 279(a), 280(1)(2), 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-Artikolu 287 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-Artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligiijet ta' Malta;
7. Fl-Artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-konfront ta' **<u>Ibrahim El Degwy</u>**:

1. Fl-Artikoli 261(b)(c)(f), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 270, 278(1)(2)(3), 279(b), 280(1)(2), 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-Artikoli 261(b)(c)(f)(g), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 270, 278(1)(2)(3), 279(a), 280(1)(2), 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-Artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-Artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputati, darba li nqraw l-Artikoli, taw il-kunsens taghhom ghal proceduri sommarji.

Semghet il-provi kollha prodotti.

L-**Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Silvio Valletta** xehed dwar serq illi sar minn kaxxa tas-sigaretti minn gewwa l-Hamrun Union Racing Club. Qal illi rrizulta lill-pulizija li din il-magna kienet munita b'sistema ta' data track. Ghalhekk din bdiet taghti sinjal illi kienet tinstab, issa wara s-serqa, gewwa garaxxijiet fil-Marsa. Qal illi f'dan is-sit il-pulizija sabu lil Joseph Xuereb u lil El Degwy. Saret hemm tftixxija u nstabet hemm karozza bin-numru tar-registrazzjoni KAQ307, Mazda, li kellha c-cavetta go fiha u r-rear lights mixghula. Qal illi din irrizulta li kienet misruqa. Spjega li f'garaxx iehor kien hemm karozza ohra tal-marka Tercel bin-numru tar-registrazzjoni LCG713 li fiha kellha xi ngwanti. Irrizulta li din kienet ta' Joseph Xuereb.

Minn fuq il-persuna ta' Joseph Xuereb xehed illi gie elevat mazz cwievet u skont ma nfurmawh il-pulizija, infetah bihom il-garaxx fejn kien hemm il-magna tas-sigaretti. Ezebixxa l-istqarrija li rrilaxxa Joseph Xuereb, a folio 23, Dok JX - fiha kif kien drittu Xuereb, ghazel illi ma jwiegeb ghall-ebda domanda. Ezebixxa wkoll l-istqarrija ta' El Degwy bhala Dok ED folio 26.

Qal illi fuq dan saret Inkjesta Magisterjali li giet fil-fatt ezebita fl-atti. Ezebixxa wkoll il-vettura Tercel bin-numru tar-registrazzjoni LCG713 u l-Mazda bin-numru tar-registrazzjoni KAQ307. Dwar it-Toyota Tercel xehed illi kien hemm dokumentazzjoni fil-vettura li kienet turi li din kienet ta' Joseph Xuereb. L-Ispettur Silvio Valletta kien hawn qieghed jixhed fuq dak illi rrizulta lill-pulizija li kienu nvoluti fit-tftittxija u l-arrest.

Xehed ukoll l-Ufficjal Prosekutur illi l-garaxxijiet gew misjuba u t-tfittxija fihom saret fis-17 ta' Marzu.

Ezebixxa wkoll sentenza fil-konfront tal-akkuza tar-recidiva kontra Joseph Xuereb a folio 87 tal-atti (Dok SV). Rat pero l-Qorti fl-istess sentenza, illi fil-konfront ta' Joseph Xuereb gie applikat l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta.

**George Mifsud** xehed illi hu kien jiehu hsieb il-klabb tal-hamiem fil-Marsa Sports Club. Qal illi kien sab il-kaxxa tas-sigaretti nieqsa u anke flixkun whiskey. Spjega li l-kaxxa tas-sigaretti giet misruqa ghad-dannu ta' haddiehor, mentri l-whiskey JB kien jappartjeni lill-kumitat. Xehed illi hu kien l-ahhar persuna li telaq u li kien ghalaq il-post fejn sehhet is-serqa.

In kontro ezami kkonferma li kien ghalaq xil-hdax u nofs, nofs il-lejl jew is-siegha ta' filghodu. Qal illi access ghall-klabb kien

hemm bieb wiehed. Qal illi meta mar fuq il-post mal-pulizija kien sab il-bieb miftuh. Kompla li hu biss kellu cavetta, kienet ghandu biss. Zied illi l-katnazz kienu xtrawh hu u zamm ic-cavetta hu.

**Thomas Aquilina** xehed minn naha tieghu li kienet insterqitlu l-vettura KAQ307 Mazda, li ghalkemm kienet registrata fuqu kien juzaha huh.

Qal in kontro ezami li din kien xtraha second hand u li skondtu kien gie moghti c-cwievet kollha u li kienu jifthuha. Skondtu lil huh kien tah ic-cwievet kollha tal-vettura.

Minn naha tieghu huh **Nicholas Aquilina** xehed u kkonferma li hu kellu l-uzu tal-karozza ta' huh meta din giet misruqa. Qal illi kellu xi zewg cwievet taghha u li jista' jkun illi l-locks taghha kienu difettuzi ghax il-vettura kienet antika. Xehed illi kien hu li nduna li l-vettura giet misruqa - ma baqghetx ipparkjata fejn kien hallieha gewwa Clarence Street, il-Pieta'.

**Martin Scicluna** ghan-nom tad-Data Track spjega li fiz-zmien in kwistjoni kien jintuza apparat fuq il-magni tas-sigaretti biex wiehed ikun jista' jkun jaf x'ikun qed jigri minnhom.

Dwar dan ghalhekk ukoll xehdet **Dr Nicola Magro**, Avukat din mad-Data Track, illi ezebiet mappa u l-ID tal-longitude u latitude tal-kaxxa tas-sigaretti misruqa, Dok NM a folio 244 – 248. Skondtha u mir-records tal-kumpanija, kien jirrizultalha li l-kaxxa tas-sigaretti in kwistjoni kienet imwahhla gor-Ritz Bar gewwa l-Hamrun, pero spiccat gewwa Triq il-Milend, il-Hamrun.

**Alfred Ferro** xehed bhala ex rapprezentant tal-kumpanija Central Cigarettes. Xehed illi l-vending machine kienet tigi provduta vojta u kienet tigi operata u tintela minn Alphonse Enterprises. Xehed illi l-vending machine kienet tigi provduta vojta u li kienet tkun munita b'sistema ta' Data Track. Xehed ukoll dwar il-hsara li kienet sofriet il-magna li kienet tammonta ghal bejn u iehor ghal mitejn u hamsin Lira Maltin (Lm250.00), bejn parts, xoghol, u spray.

Xehed in kontro ezami li ma kinx hu li kellu kontroll fuq il-manutenzjoni ta' dawn il-vending machines; lanqas li kien hu li kien ghamel il-valutazzjoni ezebita.

**Joseph Attard** fuq din il-vending machine xehed illi kien qed jipprezenta valutazzjoni tad-danni nkorsi fuqha, Dok JA (folio 82). Mistoqsi ghall-konkluzjoni li d-dannu fuq l-istess magna kien sar mill-'burglars', kif kien imnizzel fuq il-valutazzjoni, wiegeb illi bil-hsieb kien jasal ghall-konkluzjoni li d-dannu

soffert sar fis-serqa. Lanqas dan ix-xhud ma kien jaf iwiegeb dwar kif saret il-valutazzjoni ezebita, stante li ma kinx hu li fil-fatt irredegieha.

Minn naha ta’ Transport Malta, **Stephen Cachia** dwar il-vettura Toyota Tercel LCG713 xehed illi din kienet tappartjeni lil Ignazio Xuereb bil-karta tal-identita’ numru 111058(M), u li kienet hekk ilha registrata mill-21 ta’ Marzu, 2003;

Mentri l-vettura KAQ307 Mazda kienet skondtu mit-18 ta’ Dicembru, 1990, issejjah lil Thomas Aquilina.

L-Espert **Joseph Zammit** debitament mahtur fl-Inkjesta, ikkonkluda dwar il-Mazda li din kienet tinghalq jew tinfetah b’kull forma ta’ cavetta ghax kellha locks difettuzi. Instabet bla sgass. Taha l-valur ta’ elfejn Lira Maltin (Lm2,000.00), vide Dok JZ a folio 286.

Ikkonsidrat:

Illi jirrizulta mill-konstatazzjonijiet li saru fl-Inkjesta, illi fil-fond garaxx numru 20, Triq Atocia, Hamrun, instabet magna tas-sigaretti u instabet hemm ukoll karozza Mazda. Dan jirrizulta ben sew kemm mir-relazzjoni ta’ Dr Steven Farrugia

Sacco u dik tas-SOCO PS 602 Jonathan Attard u PS 659 Jeffrey Hughes (iz-zewg relazzjonijiet ezebiti fl-Inkjesta).

Illi jirrizulta wkoll illi kien Joseph Xuereb li kellu fuqu c-cwievet li fil-fatt fethu l-garaxx in kwistjoni – dan pero xehdu l-Ispettur Valletta fuq informazzjoni li rcieva mill-pulizija hekk involuta.

Rat ukoll il-Qorti, illi l-Prosekuzzjoni hadet snin kbar biex hija tressaq il-provi taghha. Nonostante cio', dan fil-fatt baqa' ma sarx u kienet il-Qorti li mibghuta l-Artikoli, ordnat illi jingabu l-provi tad-Difiza.

Ikkonsidrat:

Illi l-Qorti rat ukoll illi mir-rizultanzi tar-relazzjoni tas-SOCO, jirrizulta li fil-lok instabu wkoll 'crow bar', turnavit, u sahansitra balaklava.

Illi jirrizulta wkoll illi l-Ufficjal Prosekutur xehed dwar dak illi qalulu l-pulizija li kienu fuq il-post waqt l-investigazzjoni. Kien minn hawn illi huwa sar jaf fil-fatt illi l-garaxx fejn instabet ir-res furtiva kien jinfetah bi cwievet misjuba fuq Joseph

Xuereb. Dawn il-pulizija, jew uhud minnhom, gew mitluba fit-tul fir-rinviju tal-Avukat Generali. Ma jidher li gew qatt ingunti u lanqas illi fil-fatt xehdu. Ghalhekk il-prova li kellha tingab dwar ic-cavetta u l-garaxx, il-prova tal-pussess tac-cavetta u ‘l min kien isejjah il-garaxx, qatt ma ngabet. Lanqas qatt ma ndenjat ruhha l-Prosekuzzjoni titlob illi jsir ezami komparattiv tal-impronti digitali tal-imputati ma’ dawk elevati mis-SOCO, jew xi ezamijiet ohra forensici necessarji.

Illi fin-nuqqas tal-provi msemmija, din il-Qorti ma tistax tasal ghal dik il-konvinzjoni li trid il-Ligi biex bil-verita’ ssib htija anke fil-konfront ta’ Joseph Xuereb, ahseb u ara fil-konfront ta’ El Degwy li fir-rigward tieghu ma tressqu ebda provi sostanzjali – ghaldaqstant qieghda tiliberahom mill-akkuzi migjuba kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------